



Kumitat għas-Sajd

2018/0256M(NLE)

27.11.2018

POŻIZZJONI FIL-FORMA TA' EMENDI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kummerç Internazzjonali

dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra
(2018/0256M(NLE))

Għall-Kumitat għas-Sajd: Nils Torvalds (rapporteur)

PA_NonLegPosition

EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jippreżenta lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li huwa prattikament impossibbli li jiġu identifikati l-prodotti esportati mit-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent;

Emenda

18. Huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li huwa prattikament impossibbli li jiġu identifikati l-prodotti esportati mit-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent ***ħlief għal prodotti tas-sajd miż-żona tas-Saħara tal-Punent determinata mir-regoli tal-Konvenzjoni dwar id-Dritt tal-Baħar b'rabta mal-ilmijiet territorjali u kontigwi u ż-ŻEE, li jistgħu jiġu faċilment traċċati tul il-katina kollha;***

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ifakkar fis-sentenza tal-QĠUE tas-27 ta' Frar 2018 (il-Kawża C-266/16) dwar il-Ftehim dwar is-Sajd u l-Protokoll – li kien fis-seħħ mill-15 ta' Lulju 2014 sal-14 ta' Lulju 2018 – bejn l-UE u l-Marokk, li tiddikjara li l-Ftehim huwa validu fir-rigward tal-ibħra tal-Marokk iżda li ma jistax jinkludi s-Saħara tal-Punent u l-ibħra li jmissu miegħu;

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jinnota l-fatt li l-bastimenti tas-sajd tal-UE li joperaw fl-ibħra kkonċernati huma obbligati legalment li jkollhom Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) u li huwa obbligatorju li l-pożizzjoni ta' bastiment tiġi trażmessa lill-awtoritajiet Marokkini, li jagħmilha totalment possibbli li bastimenti jiġu ttraċċati u li jiġi rreġistrat fejn l-attivitajiet tas-sajd tagħhom ikunu saru;

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jistieden lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jimplimentaw il-mekkaniżmi kollha ta' kooperazzjoni amministrattiva previsti fit-Titolu V tal-Protokoll Nru 4 fil-każ li jkun hemm dubji dwar is-sors reali (Saħarawi jew Marokkin) tal-prodotti ppreżentati għall-importazzjoni;

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jenfasizza li prekondizzjoni waħda biex il-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ftehim hija li jiġi żgurat li jkun hemm stabbilit mekkaniżmu li jittraċċa l-prodotti, inklużi dawk ġejjin mis-Sahara tal-Punent jew mill-ibħra li jmissu miegħu, sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, kif ukoll il-konsumaturi, ikollhom indikazzjoni ċara tal-orijini

tagħhom; jistieden lill-UE u lill-Marokk jippreżentaw soluzzjoni vijabbli b'mod rapidu għal dan il-għan; jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta proposti biex jintlaħaq dan il-għan;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jinnota li skont il-ftehim, "il-prodotti li joriġinaw mis-Sahara tal-Punent li huma suġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali tal-Marokk" jibbenefikaw mill-preferenzi kummerċjali skont dan il-ftehim, u għalhekk li l-prodotti tas-sajd ipproċessati fil-parti tas-Sahara tal-Punent barra mill-kontroll Marokkin ma jistgħux jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji; jistenna li l-Kummissjoni tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-ftehim u tiżgura li l-operaturi tas-settur tas-sajd u l-prodotti tas-sajd mill-parti tas-Sahara tal-Punent barra mill-kontroll Marokkin ma jiġux diskriminati bħala riżultat ta' dan il-ftehim;

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Jiddeplora l-inċertezza tad-dritt li rriżultat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016; huwa mħasseb dwar l-inabbiltà tal-Kummissjoni li tipprovdi data affidabbli dwar l-importazzjonijiet preferenzjali ta' prodotti tas-sajd mis-Sahara tal-Punent li setgħu seħħew sa minn dik id-data minkejja s-

*sentenza msemija; jagħmel mistoqsijiet
dwar il-firxa tal-ħsara lill-baġit tal-Unjoni
dovuta għal kwalunkwe preferenza
mogħtija mingħajr bażi legali valida
matul dan il-perjodu;*